MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 79/2013

**Jacqueline Vella**

**Vs**

**Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Jacqueline Vella** ipprezentat fis-27 ta' Frar 2013 li permezz tieghu ippremettiet s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti, illum l-appellanti importat vettura minn barra minn Malta, liema vettura ghandha numru ta' registrazzjoni GF 05 OCC u hija tat-tip Audi A4.*

*Illi fiz-zmien li l-istess appellanti importat tali vettura, hija ma kinitx certa jekk hux se tibqa' tirrisjedi fil-Gzejjer Maltin b'mod permanenti jew le.*

*Illi ghar-raguni suesposta, meta l-istess appellanti staqsiet personalment fi hdan il-Ministeru appellat jekk kellhiex tapplika b'mod immedjat ghall-ezenzjoni, hija giet infurmata li hija kellha 'tourist visa' u minhabba f'hekk ma kellhiex ghalfejn tapplika mill-ewwel izda kellha sitt xhur cans sabiex taghmel dan u fil-frattemp setghet tibqa' liberament tuza l-vettura msemmija minghajr ebda problemi ta' xejn u minghajr il-bzonn li thallas it-taxxa relattiva ghall-istess registrar tal-vettura. Hija giet infurmata wkoll li qabel jittermina dan il-perjodu ta' sitt xhur, la darba tiddeciedi li ser tibqa' Malta, hija kellha tapplika ghal ezenzjoni mill-imposizzjoni ta' taxxa fuq l-istess vettura.*

*Illi tul dawn is-sitt xhur l-appellanti hadet id-decizjoni li tibqa' Malta u ghalhekk intavolat applikazzjoni ghall-ezenzjoni tat-taxxa ai termini tal-Artikolu 19 (3) (f) stante li l-istess rikorrenti ddecidiet li toqghod hawn Malta b'mod permanenti u dan anke kif kienet giet suggerita mill-Ministeru appellat jew ir-rapprezentanti tieghu.*

*Illi sussegwentement, permezz ta' ittra datata t-13 ta' Frar 2013, l-appellanti giet infurmata li tali applikazzjoni giet rifjutata ai termini tal-Artikolu 4(3)(e) tal-Avviz Legali Numru 6 tas-sena 2012 u cioe' abbazi tal-fatt li l-istess applikazzjoni ma saritx fi zmien tletin gurnata mill-gurnata li l-imsemmija vettura waslet f'Malta.*

*Illi li kieku r-rikorrenti ma gietx zgwidata mill-istess Dipartiment, hija kellha kull intenzjoni li titfa' l-applikazzjoni fi zmien xahar izda kien l-istess Dipartiment li nfurmaha li ma kienx hemm ghalfejn.*

*Illi minn dak suespost jidher car li r-rikorrenti kienet zgwidata u nghatat parir hazin mill-Ministeru appellat stess u konsegwentement, m'ghandhiex tkun l-istess rikorrenti li tbati r-riperkussjonijiet tal-istess misinformazzjoni li nghatat.*

*Ghaldaqstant, in vista ta' dak suespost, ir-rikorrenti umilment titlob li dan it-Tribunal joghgbu jirrevoka, jhassar u jannulla d-decizjoni tal-Ministeru appellat datata t-13 ta' Frar 2013 (kopja annessa dokument A) fil-konfront tar-rikorrenti u konsegwentement jilqa' u jaccetta l-applikazzjoni taghha ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ghall-vettura Audi A4 bin-numru ta' registrazzjoni GF 05 OCC, bl-ispejjez kontra l-Ministeru appellat."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**ipprezentata fit-22 ta' Marzu 2013 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi ai termini tar-regolament 4(3)(e) tal-L.N. 6 tal-2012, sabiex l-intimata setghet tikkwalifika ghal ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni tal-vettura taghha, hija kellha tissottometti l-applikazzjoni taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura waslet f'Malta.*

*Illi l-mument illi l-intimata trasferiet ir-residenza taghha, hija waqfet illi tkun turista.*

*Illi mill-applikazzjoni ammessa mill-intimata, jirrizulta illi filwaqt illi hija trasferiet ir-residenza taghha f'Malta fit-30 ta' Lulju 2012, id-data tal-applikazzjoni ggib l-20 ta' Novembru 2012.*

*Illi ghaldaqstant, l-applikazzjoni tal-intimata giet michuda stante illi hija ma ssodisfatx il-kriterju elenkat taht l-imsemmi regolament.*

*Illi abbazi ta' dan in-nuqqas, it-talbiet tal-intimat ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent[1], ta' Audrey Anne Callus Randich[2], ta' Elaine Bugeja[3] u ta' Gilbert Agius[4];

Ra l-affidavit ta' Mario Vella[5];

Ra n-nota tal-Ministeru intimat ipprezentata fis-17 ta' Novembru 2014;

Sema' t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

[1] Minn fol. 25 sa fol.29
[2] Minn fol. 30 sa fol. 31
[3] Minn fol. 36A sa fol. 36F
[4] Minn fol. 42 sa fol. 45 u fol. 47, minn fol. 56 sa fol. 61
[5] A fol. 63

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 13 ta' Frar 2013 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(e).*

*You have the right to appeal from this decision, within 21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap. 490) and regulations in terms of the Act. A copy of this procedure is attached.*

*For this purpose, unless you intend to appeal, the temporary permit issued on 11th December, 2012, is being, hereby, revoked."*

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-bazi tar-rifjut tal-Bord tinsab fir-Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012 li jghid is-segwenti:-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(e) jekk il-vettura tkun diga` waslet f'Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."***

Illi fix-xhieda taghha **r-rikorrenti** tistqarr illi hija giet hawn Malta fl-2008 u cemplet lill-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta fejn infurmathom li hija kienet ghadha mhux deciza jekk kinitx se titrasferixxi r-residenza taghha hawn Malta jew le. L-Awtorita` min-naha taghhom infurmawha li setghet ticcirkola bil-vettura taghha hawn Malta sa massimu ta' sitt xhur bhala turista. Hija kompliet illi meta giet biex tirregistra l-vettura hija imliet l-applikazzjoni appozita, liema

applikazzjoni giet rifjutata stante li ma kinitx irregistrat il-vettura malli giet hawn Malta. Hija stqarret illi ddeciediet li tibqa' hawn Malta malli sabet impjieg f'Malta. Spjegat illi r-raguni li nghatat ghar-rifjut kienet li ma kinitx irregistrat il-vettura fi zmien tmienja u ghoxrin gurnata minn meta hi waslet Malta. Hi qalet li kienet ikkomunikat mal-Awtorita` f'Awissu tal-2011, sussegwentement inhariglha *pass* ghal sitt xhur u meta gew fi tmiemhom is-sitt xhur hija applikat ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Tghid li fil-mument tal-applikazzjoni hadd ma infurmaha li kellha tapplika qabel u li kieku qalulha kienet taghmel hekk.

**Elaine Bugeja**, segretarja tal-Bord, spjegat li meta xi hadd jistaqsi informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet ghall-ezenzjoni hija tinfurmahom biex isewgu l-informazzjoni dwar l-applikabilita` u taghtihom ir-referenza tal-Avviz Legali ghaliex hemm diversi kriterji li wiehed irid jissodisfa biex ikun jista' jibbenefika mill-ezenzjoni. Spjegat illi anke jekk jistaqsuha mistoqsija specifika hija tirrispondihom pero` xorta tirreferihom ghall-Avviz Legali. Spjegat illi fl-applikazzjoni hemm zewg kaxxi li l-applikant ghandu jimla fir-rigward ta' dati personali, u cioe`, id-data ta' meta l-applikant ikun wasal Malta u d-data ta' meta l-applikant ha r-residenza tieghu hawn Malta. Mistoqsija jekk persuna li jkolla *tourist visa* ikollhiex sitt xhur biex tapplika ghall-ezenzjoni, ix-xhud qalet illi fiz-zmien in kwistjoni hija riedet tapplika ghall-ezenzjoni fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tasal hawn Malta.

**Gilbert Agius,** *Senior Manager Regulatory Unit Land Transport* fi hdan l-Awtorita` tat-Trasport f'Malta, spjega illi l-*guidelines* ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni jinsabu kollha fuq il-*website* u li jekk persuna tmur il-*customer care* tal-Awtorita` huma jidderiguh ghall-istess *website* minn fejn jista' jaccessa l-formula tal-applikazzjoni, il-procedura u l-*guidelines*. Jghid li l-persuni adetti mal-Awtorita` ma jaghtu l-ebda tip ta' informazzjoni ghaliex il-kompitu tal-istess Awtorita` huwa biss li tircievi l-applikazzjoni, tpoggiha go *envelope* u tghaddiha lill-Ministeru intimat. Jghid pero` li jekk xi hadd imur ghall-informazzjoni fil-*customer care* kienu jaghtuhielu pero ovvjament ma setghax jghid xi jkunu qalulu.

**Mario Vella**, ir-ragel tar-rikorrenti, xehed illi meta gew jghixu Malta marru flimkien Transport Malta u staqsew dwar ir-registrazzjoni tal-vettura fejn qalulhom li kellhom sitt xhur sabiex jiddeciedu x'riedu jaghmlu u cioe jekk jibqghux hawn Malta wara s-sitt xhur u jirregistraw il-vettura jew inkella jitilqu lura lejn l-Ingilterra. Jghid li mbaghad, wara tlett xhur, iddecidew li jibqghu

Malta u r-rikorrenti issottomettiet l-applikazzjoni fejn fit-13 ta' Frar 2013 gew infurmati li l-applikazzjoni taghhom ma gietx accettata.

Illi bhala fatti ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni. Mill-formula mimlija mir-rikorrenti jirrizulta illi hija ddikjarat li hadet **ir-residenza taghha f'Malta fit-30 ta' Lulju 2012** u li l-**vettura waslet f'Malta fl-istess data**. Dak li qieghed jigi kontestat huwa l-fatt li skond ir-rikorrenti hija giet zgwidata minn ufficjali tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li qalulha li kellha zmien sitt xhur biex tirregistra l-vettura.

Illi hareg car waqt is-smiegh tax-xhieda illi jezistu zewg termini differenti emanenti minn zewg ligijiet differenti. Kien jezisti t- terminu ta' sitt xhur (illum seba' xhur) taht il-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) *entro* liema persuna tista' ticcirkola bil-vettura f'Malta bhala turist qabel ma jkun tassattiv li tirregistra l-istess vettura ghac-cirkolazzjoni f'Malta, u jezisti mbaghad terminu ta' tletin gurnata *ai termini* tar-Regolament 4 (3) (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 *entro* liema persuna trid tipprezenta l-applikazzjoni taghha sabiex tigi ezentata milli thallas it-taxxa tar-registrazzjoni fuq vettura jekk hi tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti bil-ligi. Illi dawn iz-zewg termini huma distinti minn xulxin ghaliex filwaqt li it-terminu ta' sitt xhur huwa marbut mar-registrazzjoni tal-vettura, it-terminu tat-tletin gurnata huwa marbut mal-ezenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjoni li jiskatta jekk persuna tibda tirrisjedi hawn Malta u l-vettura tkun waslet Malta.

Illi dan it-Tribunal japprezza illi persuna li tkun gejja tirrisjedi Malta jista' jkollha xi diffikulta ta' terminologija. Dan kollu mbaghad huwa aggravat bin-nuqqas ta' informazzjoni li kienet tezisti fuq il-formula tal-applikazzjoni ghall-ezenzjoni innifisha li filwaqt li telenka ghadd ta' kriterji li applikant ried jissodisfa, thalli barra t-terminu fatali ta' tletin gurnata kif imsemmi f'Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Illi ghalhekk, ghalkemm dan it-Tribunal jifhem li seta' kien hemm xi tip ta' nuqqas ta' ftehim bejn ir-rikorrenti u l-ufficjali tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u dan ghaliex tal-ahhar, presumibilment, kienu qed jirreferu ghar-registrazzjoni tal-vettura filwaqt li tal-ewwel kienu qed jistaqsu fuq it-terminu *entro* liema setghu japplikaw ghall-ezenzjoni, dak li dan it-Tribunal huwa kompetenti li jissindika huwa biss jekk id-decizjoni li ttiehdet mill-Bord kinitx legalment u fattwalment gustifikata.

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-applikazzjoni in ezami saret oltre t-tletin gurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta. Fil-fatt l-applikazzjoni saret fl-20 ta' Novembru 2012 mentri r-rikorrenti iddikjarat li hija hadet ir-residenza taghha fit-30 ta' Lulju 2012, f'liema data waslet ukoll il-vettura in kwistjoni hawn Malta. B'hekk l-applikazzjoni saret oltre t-tletin gurnata msemmija f'Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Illi l-Bord kien marbut li jara li l-applikazzjoni kienet tissodisfa l-kriterji kollha elenkati fil-ligi biex tinghata l-ezenzjoni. Kjarament it-terminu ta' tletin gurnata huwa wiehed mill-kriterji tassattivi biex tinghata l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord ma seta' jaghmel l-ebda haga ohra hlief li johrog ir-rifjut tal-istess ezenzjoni.

Illi dan it-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrenti jekk fl-opinjoni taghha seta' kien hemm xi tip ta' konfuzjoni fl-informazzjoni moghtija da parti tal-Awtoritajiet, pero` l-istess ma jistghax jannulla d-decizjoni mehuda mill-Bord peress li din ma tippekka bl-ebda mod la legalment u lanqas fattwalment.

Illi fl-ahhar nett, pero`, dan it-Tribunal jerga' jaccenna ghall-fatt li fil-formula tal-applikazzjoni fiz-zmien in ezami ma jirrizultax li kien hemm indikazzjoni dwar it-terminu fatali ta' tletin gurnata mentri wiehed isib referenza kwazi *verbatim* ghal-kundizzjonijiet l-ohra kollha elenkati f'Regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Illi li kieku dan it-terminu ta' tletin gurnata kien imnizzel kif kienu mnizzlin ir-rekwiziti l-ohra kollha, ir-rikorrenti kienet tkun f'posizzjoni ferm ahjar biex tevalwa s-sitwazzjoni taghha, anke jekk *semmai* kien ghadda tali terminu. Ghalhekk dan in-nuqqas se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet imressqa mill-Ministeru intimat, jichad l-appell interpost mir-rikorrenti mid-decizjoni appellata datata 13 ta' Frar 2013.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura  jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------